**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 130/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs.**

**Lydon Gravina**

Illum l-1 ta' Dicembru 2020

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Lydon Gravina iben John u Josette nee Sultana, mwieled il-Pieta fil-5 ta' Mejju 1989 residenti 12B, Binja F. Sciberras Ent. C, Fl6, Triq Vilhena, Floriana, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 208289M.

Talli fil-lejl ta bejn l-4 u il-5 ta Marzu 2017 gewwa dawn il-Gzejjer f' San Pawl il-Bahar, minghajr hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta Lindsay Sammut f'periklu car, hebb ghall-istess Lindsay Sammut u kkagunalha offizi ta' natura gravi.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C, 383 fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Lindsay Sammut u r-residenza taghha u kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-27 t' Settembru 2017, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li qed jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-10 ta' Jannar 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[4]:

[1] Folio 22 u 37 ta' l-atti processwali
[2] Folio 130-132 ta' l-atti processwali
[3] Folio 135 ta' l-atti processwali
[4] Folio 153 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 412C u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Jannar 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-16 ta' Jannar 2020.[6]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Lulju 2020 u talbet li jigi mhejji *Social Inquiry Report*.[7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

[5] Folio 153 ta' l-atti processwali
[6] Folio 153 ta' l-atti processwali
[7] Folio 157 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll *is-Social Inquiry Report*, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal-lejl ta' bejn il-4 u 5 ta' Marzu 2017 meta l-pulizija gew infurmati li kien hemm argument ghaddej gewwa appartament sitwit f'San Pawl il-Bahar. Meta l-pulizija irrikorrew fuq il-post sabu lil certu Lindsay Sammut gewwa l-apartament bi griehi fuq wiccha u idejha. Il-griehi allegatament graw minhabba argument li nqala bejnha u l-imputat li kien l-gharus taghha u beda jaghtiha bil-ponn f'wiccha.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017 xehdet il-*parte civile* **Lindsay Sammut**. Il-*parte civile* ilha taf lill-imputat ghal madwar 8 snin u ghandhom zewgt itfal flimkien li jisimhom Bradon u Kristel ta' 6 snin u sena rispettivament. Hija stqarret li nhar l-4 jew il-5 ta' Marzu 2017 hija u l-imputat kienu hergin. Hadu lit-tfal ghand missierha u ghall-habta tal-22:00hrs kienu sejrin lejn Paceville. Meta waslu marru fl-istabbiliment Havana u hadu xi xorb. Wara li ghadda ftit tal-hin marru fl-istabbiliment Plush izda x-xhud xtaqet titlaq minn Paceville ghax kienet tippreferi li johorgu Bugibba. Skont ix-xhud, l-imputat ghamel in-nervi tant li fil-karozza ma kellimhiex u ankè meta waslu d-dar, li hija Bugibba stess, huwa baqa' bin-nervi. Eventwalment, ix-xhud imteddet fis-sodda waqt li l-imputat kien ghadu fil-kamra tal-banju. Hekk kif wasal fil-kamra tas-sodda qal li kien bi hsiebu jorqod fis-sodda tat-tifel go kamra ohra imma xorta dahal fis-sodda. Ix-xhud wegbitu li jekk ried imur seta' jmur. F'daqqa wahda rega' beda jirrabja u jidghi u tela' fuq ix-xhud u taha xi daqqiet bil-ponn fuq wiccha. Hekk kif hija pruvat tqum, l-imputat rega' imbuttaha u beda jzommilha halqha sabiex iwaqqafha milli tghajjat u ankè prova jkaxkarha. Skont ix-xhud, f'dak il-hin indunat li halqha kien mimli demm. Hekk kif ra d-demm, l-imputat biddel l-atteggjament tieghu u beda jiskuza ruhu. Wara ftit nizlu z-zija u l-kugin tax-xhud li joqghodu fl-istess korp t'appartamenti, li eventwament xehdu ukoll f'dawn il-proceduri. Eventwalment waslu l-Pulizija fuq il-post u x-xhud ittiehdet minn ommha l-ewwel ic-centru tas-sahha tal-Mosta u imbaghad wara l-Isptar. Ix-xhud spjegat illi per konsegwenza tad-daqqiet li sofriet kienu iccaqalqulha xi snien li kienu jirrikjedu intervent kirurgiku sabiex jigu issodati. Skont ix-xhud, l-imputat kien jagixxi bl-ikrah meta jirrabja.

Fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2017 xehed **PS 1026 Brendon Gauci**, stazzjonat fl-ghassa tal-Qawra li pprezenta kopja tar-rapport PIRS relattiv ghall-kaz.

Fl-istess seduta xehed **Mr Clarence Pace**, konsulent, li kkonferma illi huwa kien ezamina u tratta lill-*parte civile*. Meta huwa ezaminaha kellha nefha f'wiccha u kienet tidher li qed issofri minn ugiegh tant li bil-kemm setghet tiftah halqha. Mill-ezamijiet li ghamel ix-xhud irrizulta li kien hemm ksur fil-*mandible* tant li s-snien ma kienux qed jillivellaw. Huwa ghamlilha *bridle wire* temporanju sakemm imbaghad sar l-intervent proprju minn xi hadd iehor. Ix-xhud ipprezenta xi X-Rays li kienu ttiehdu.

Fl-istess seduta xehed it-Tabib **Dr Joseph Saliba**, adett fic-centru tas-sahha tal-Mosta. Huwa stqarr li fil-5 ta' Marzu 2017 huwa kien ezamina lill-*parte civile* li kienet qed tilmenta minn ugiegh kbir f'halqha. In segwitu ta' X-Ray li sar irrizulta li kien hemm ksur fil-*mandible* tax-xellug. Kienet vizibbli ukoll qasma superficjali fil-hanek t'isfel tax-xellug. Il-pazjenta kienet giet riferuta l-Isptar ghall-aktar kura.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017 xehed **PC 1029 Mark Grech**, stazzjonat fl-ghassa tal-Qawra. Ix-xhud stqarr li fil-jum tal-incident ghall-habta ta' 24:00hrs, huwa flimkien ma PS 1026 Brendon Gauci kien irrikorra f'St Francis Flats, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar in segwitu ta' rapport. Fuq il-post ra lil tfajla, cioè il-*parte civile* Linsday Sammut li kienet qed izzomm halqha b'carruta mcappsa bid-demm u tibki bl-ugiegh. Kienu vizibbli ukoll xi griehi fuq idejha. Dak il-hin hija qalet li kellha argument mal-gharus taghha Lydon Gravina li kien telaq minn

fuq il-post. Ix-xhud stqarr li aktar tard dak il-lejl, l-imputat mar l-ghassa tal-Qawra minn jeddu fejn gie arrestat.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017 xehdet **Joanne Sammut**, omm il-*parte civile*, fejn hija stqarret li hija toqghod fl-istess blokka fejn toqghod it-tifla taghha. Dakinhar tal-incident ghall-habta ta' 24:00hrs, hija irritornat id-dar u hekk kif bdiet tiela t-tarag, semghat lit-tifla taghha tibki u rat lill-Pulizija fuq il-post. Hekk kif dahlet gewwa l-appartament tat-tifla, sabitha qed izzomm halqha u tghid "ha jaqghuli snieni" filwaqt li kellha d-demm fuq idha. Kien jidher li kien hemm ammont ta' demm mal-art izda li kien gie mimsuh. Fuq il-post kien hemm oht ix-xhud u t-tifel taghha. Ix-xhud wasslet lil bintha fic-centru tas-sahha tal-Mosta u wara l-Isptar Mater Dei. Stqarret illi hija hadet zewg ritratti tal-griehi li kellha t-tifla ezatt wara li giet operata, liema ritratti hija gharfet ezebiti a fol 24 u 25. Ix-xhud iccarat illi hija ma kienitx prezenti fil-binja fil-mument li sehh l-allegat incident.

Fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2017 xehdet **Gertrude Scerri**, rapprezentant tal-amministrazzjoni tal-Isptar Mater Dei, li pprezentat kopja tal-*file* mediku relattiv ghall-*parte civile*.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2018 xehed l-**Ispettur Nicholas Vella**, stazzjonat fl-ghassa tal-Mosta, fejn huwa stqarr li fil-lejl ta' bejn il-hamsa u sitta ta' Marzu 2017, kien gie nformat minn PS 1026 Brendon Gauci li kien hemm argument gewwa St Francis Flats, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar u li fuq il-post kien hemm persuna, certu Lindsay Sammut li kellha xi griehi f'wiccha . Hi indikatilhom li kellha argument ma certu Lydon Gravina li dak il-hin ma kienx fuq il-post. Il-vittma ntbaghtet

gewwa c-centru tas-sahha tal-Mosta fejn hi giet certifikata li kellha feriti gravi u ntbaghtet ukoll l-isptar ghall-kura. Dak il-lejl stess, l-imputat Lydon Gravina kien mar l-Ghassa tal-Qawra hu stess ghal habta tas-01:00hrs u x-xhud kien ordna li jinzamm arrestat. L-ghada filghodu, ix-xhud kellem lill-imputat fil-prezenza ta' PC1386 U PC 312 fejn huwa kien ghazel li ma jikkonsultax ma avukat qabel ma ta stqarrija.

Fl-istess seduta xehdet **Eleonor Agius**, iz-zija tal-*parte civile*. Ix-xhud toqghod fl-istess korp ta' appartamenti fejn sehh l-allegat incident, senjatament fl-appartament numru 3. Hija stqarret li fil-lejl tal-incident, waqt li kienet fis-sodda, semghat hafna twerzieq gej mill-appartament ta' tahtha fejn toqghod il-*parte civile*, dak iz-zmien flimkien mal-imputat. Hija gharfet il-vuci bhala dik tan-neputija taghha. Wara xi nofs minuta, ix-xhud nizlet sabiex tara x'kien gara u hekk kif nizlet l-indana tat-tarag, sabet lill-*parte civile* mal-art qed tibki hdejn il-bieb ta' barra tal-appartament numru 2 u x'hin tbaxxiet hdejha biex twennisha, intebhet li kien hemm riha ta' demm go halqha u xi demm icaracar ma geddumha u hassha hazin minhabba li skont hi, "mhijiex tabja ghal dawn l-affarijiet". F'dak il-hin kien ghad hemm prezenti l-imputat li minn naha tieghu baqa' sieket meta gie mistoqsi x'kien gara. Ix-xhud spjegat illi hija regghat telghat lura fl-appartament taghha sakemm giet f'taghha mill-hass hazin u imbaghad regghat nizlet, f'liema hin kienu waslu l-pulizija fuq il-post u l-imputat ma kienx ghadu hemm. Kien hemm fuq il-post ukoll it-tifel taghha Luke Mifsud. Hija spjegat li l-ghada rat lill-*parte civile* u din kienet "b'halqha mfarrak". Ix-xhud iccarat li l-ghajjat li semghat gej mill-indana tat-tarag kien bhal qisu ghajjat bl-ugiegh u ma

setghatx tirrikkonoxxi xi kliem jew diskors partikolari u lanqas ma tghid li semghat vuci maskili.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019 xehed **Luke Mifsud**, il-kugin tal-*parte civile*. Dan ix-xhud ukoll joqghod fl-istess korp ta' appartamenti. Ghalkemm ma setax jiftakar id-data tal-incident, ix-xhud stqarr illi huwa seta' jiftakar illi kien ra lil-kugintu, cioé il-parte civile mal-art, qed tibki u bid-demm ma halqha. Huwa stqarr ukoll li kien sema' xi ghajjat gej mill-appartament ta' taht li huwa gharaf bhala l-vuci ta' kugintu. Hekk kif sema dan l-ghajjat, huwa hareg mis-sodda u nizel jara x'inhu jigri. Hekk kif staqsiha x'kien gara, il-parte civile qaltlu "faqaghli halqi" b'referenza ghall-imputat.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[8] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-5 ta' Frar 2017, u cioe ftit jiem wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Mosta fl-ufficju ta' l-Ispettur Nicholas Vella fil-prezenza ta' PC 312 J Sultana u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn

[8] Folios 11-13 ta' l-atti processwali

siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li irrinunzjaw milli jezercita dan id-dritt.[9]

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu u wiegeb ghad-domandi li sarulu. Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat u l-gharusa tieghu Lindsay Sammut kienu Paceville u meta marru lura d-dar bdew jargumentaw.

*"Jiena u Lyndsay Sammut konna qeghdin Paceville u hadna xi drinks hemmhekk u wara morna d-dar ghal-habta ta' xi l-hdax u nofs ta' filghaxija u bdejna nargumentaw fis-sodda u iggildt maghha u tajta xi daqqa u imbuttajtha, imbaghad bdiew twerzaq u ppruvajt nikkalmha u bdejt nghidilha li ha nitlaq u wara nizlet iz-zija taghha u kugin taghha u bdew jippruvaw jikkalmaha u wara telqu."*[10]

Meta mistoqsi fuq xiex inqala' l-argument, iddikjara li ma kienx ha iwiegeb din il-mistoqsija.

Tul l-interrogazzjoni, l-imputat ikkonferma li l-incident inqala d-dar taghhom fuq is-sodda taghhom u li ma Lindsay Sammut ghandhom zewg it-tfal flimkien.

L-imputat jistqarr ukoll li gharraf li dak li gara dak il-lejl kien *"hazin hafna"*[11], li gieli kellu argumenti bil-kliem ma' l-gharusa tieghu u li ralha demm ma' halqha bhala konsegwenza tal-glieda li grat.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

[9]Folios 10 ta' l-atti processwali
[10] Folio 12 ta' l-atti processwali
[11] Folio 13 ta' l-atti processwali

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-guddizju jindika l-artikolu 214 u 218 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jistqarr (hekk kif inhu aggornat illum):

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin*[12] *–*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali (hekk kif inhu aggornat illum) jistqarr:

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin*[13]*. –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

[12] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn tliet xhur sa tliet snin

[13] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn disa xhur sa disa snin

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

*(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq il-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu.*

Illi fl-artikoli ta' l-Avukat Generali ma hemmx indikazzjoni specifika ta' liema subartikolu fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali qieghed jindika li biha ghandu jistab hati l-imputat. Illi dan ipoggi lil Qorti f'forma ta' *fishing expedition* biex tiddeduci hi x'inhu l-hsieb tal-prosekuzzjoni u ta' liema kwalifika ta' reat gravi ghandu jinsab hati l-imputat. Illi dan iservi biss biex johloq incertezza fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni u jpoggi fid-dubju l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni.

Filwaqt li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ggibx ebda nullita ta' procedura, il-Qorti tqis li huwa fid-dmir ta' l-Avukat Generali li f'dawn ic-cirkostanzi jippreciza l-imputazzjonijiet meta jinhargu l-artikolu ghal-gudizzju.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz qiset dak li jghid l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali ta' Malta:

*(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Il-Qorti tosserva wkoll li l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju ma jindikax l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali li huwa reat minuri li huwa kompriz u involut fir-reati iktar gravi prospettata fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Kif ritenut in mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg**[14]

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' latt tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi*

[14] moghtija fl-10 ta' Novembru 2005

*neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[15]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[16] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[17] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

[15] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[16] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[17] Deciza 5 ta' Frar 1998

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[18],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi mix-xhieda ta' Lindsey Sammut[19] gie ikkonfermat li l-imputat huwa l-gharus taghha, ghandhom zewg itfal flimkien u li dak inhar kienu hargu u marru Paceville. Ma bdewx jaqblu fuq fejn kienu ha jqattghu l-hin taghhom u meta marru d-dar, l-imputat kien bin-nervi. Meta kienu d-dar l-affarijiet eskalaw u waqt li hi kienet fis-sodda:

[18] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999
[19] Folios 23-32 ta' l-atti processwali

*"kienu xi nofs il-lejl hekk u Leyden beda jidghi u jirrabja. Imbaghad f'daqqa wahda tela' fuqi u beda jaghtini go wicci."*[20]

Ix-xhud terga tikkonferma:

*"Xhud: Imbaghad hu beda jaghtin go wicci bil-ponn…… jiena kont minduda fuq is-sodda jien u mbuttani minn wicci rega'. Imbaghad bdejt nghajjat ghax fil-fatt tieghi toqghod il-mummy fuq u beda jzommli halqi biex ma nghajjatx u dak il-hin intlieli halqi bid-demm kollu u hu beda jzommli halqi biex ma nghajjatx imma fil-verita qisni kelli bzonn innehhi d-demm qisni.*

*Qorti: Issa milli tiftakar dan id-demm kif gie?*

*Xhud: Bid-daqqiet hu.*

*Qorti: Jigifieri bid-daqqa li tak jew bid-daqqiet illi tak ukoll fuq halhek apparti fuq wiccek?*

*Xhud: Mela. Fuq wicci mbaghad kelli t-tbengil go saqajja."*[21]

L-imputat ghall-ewwel beda jzommha lura u talabha biex ma ccempilx lill-pulizija. Sussegwentement l-imputat telaq minn fuq il-post minghajr ma ta ebda ghajnuna lill-vittma u halliha wahidha fl-istat li kienet.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Nicholas Vella irrizulta li fil-fatt il-pulizija bdew ifittxu lil-imputat sabiex jirintraccawh izda l-istess imputat mar minn jeddu l-Ghassa tal-Qawra.[22]

Bhala konsegwenza, il-vittma spiccat bl-ghadam ta' gewwa halqa miksur minn zewg nahat u kellha bzonn operazzjoni l-isptar sabiex jigi inserit hadid fi forma ta' *plates* go halqa max-xedaq. Ix-xhud tiddeskrivi

[20] Folio 25 ta' l-atti processwali
[21] Folio 26 ta' l-atti processwali
[22] Folio 91-92 ta' l-atti processwali

kemm batiet bhala konsegwenza ta′ dan l-incident, l-ugieh u skumdita′ kbira li ghaddiet minnha u kemm baqghet tbati l-konsegwenzi fit-tul.

Ix-xhud esebit ukoll ircevuta tad-dentist fl-ammont ta′ mitejn Euro (€200)[23] u zewg ritratti li juru l-griehi sofferti minnha li ttiehdu minn ommha Joanne Sammut.[24]

Fuq il-post ta′ l-incident kienu rrikorrew PC1029 Mark Grech u PS1026 fejn sabu lill vittma mugugha u bid-demm u nnotta wkoll li kellha xi griehi f′idejjha.[25] Il-vittma mal-ewwel indikat l-imputat bhala l-persuna li kkagunahomlha.

Omm il-vittma, Joanne Sammut, xehdet[26] li kienet tghix fl-istess blokk maghha u nizzlet taghti l-ewwel ghajnuna meta gara l-incident. Flimkien mas-sieheb taghha, wasslet lil bintha c-centru tas-sahha, u wara li ghamlulha l-x-ray u sabulha x-xedaq maqsum haduha l-emergenza l-isptar Mater Dei. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li kienet hi li hadet iz-zewg ritratti li gew esebit minn bintha Lindsay Sammut.

Iz-zija tal-vittma Eleanor Sammut xehdet[27] li dak in-nhar ta′ l-incident kienet semghet il-glied u meta marret biex tara jekk in-neputija taghha ghandhiex bzonn ghajnuna sabitha tibki, twerzaq bl-ugieh u b′hafna demm ma halqha u gedduma. Bix-xokk ta′ dak li rat, taha hass hazin.

[23] Dok LS1, Folio 34 ta' l-atti processwali
[24] Dok LS2 u Dok LS3, Folios 35-36 ta' l-atti processwali
[25] Folio 57 ta' l-atti processwali
[26] Folio 59-61 ta' l-atti processwali
[27] Folio 79-90 ta' l-atti processwali

Ix-xhud Luke Mifsud[28], li jigi l-kugin tal-vittma kien ukoll prezenti fil-mumenti wara li l-vittma giet aggredita u ikkorbora dak li xehdet iz-zija tal-vittma Eleanor Sammut.

Il-prosekuzzjoni esebit ittra ta' Drs Demajo Dental Clinics[29] li giet ikkonfermata mix-xhud Clarence Pace.[30] Ix-xhud jikkonferma li kien hemm diversi *"facial fractures"* f'wicc il-vittma. F'dan ir-rigward ix-xhud ipprezenta diversi ritratti[31] li juru *x-rays* ta' dawn il-fratturi li soffriet il-vittma.

Gie esebit ukoll mill-prosekuzzjoni certifikat mediku mahrug mit-tabib Dr. Joseph Saliba Med Reg Numru 1776 mic-Centru tas-Sahha gewwa l-Mosta dak il-lejl stess li jindika l-griehi sofferti mill-vittma bhala gravi.[32] Dan ic-certifikat gie ikkonfermat mix-xhud stess Joseph Saliba.[33]

Ix-xhud Gertrude Scerri esebit ir-rapport mediku tal-vittma hekk kif mizmum mill-Sptar Mater Dei (u qabel Sptar St. Lukes) li fih jirrizulta d-dettalji kollha dwar l-operazzjoni, l-feriti u t-trawma fil-halq li ghaddiet minnhom il-vittma.

Minn l-istess rapport mediku jirrizulta wkoll li l-operazzjonji kienet tinvolvi *plate fixation* kif ukoll *screws* li kellhom jitwahhal b'mod permanenti fix-xedaq tal-vittma.[34]

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta ampjament car li l-imputat ta daqqiet lil Linday Sammut u kisrilha x-xedaq. Dan jirrizulta kemm mix-

28 Folio 117-118 ta' l-atti processwali
29 Dok NV1, Folio 46 ta' l-atti processwali
30 Folio 48-50 ta' l-atti processwali
31 Dok CP1, Folios 51-53 ta' l-atti processwali
32 Dok NV2, Folio 47 ta' l-atti processwali
33 Folio 54-55 ta' l-atti processwali
34 Folio 66 ta' l-atti processwali

xhieda u dokumenti prodotti kif ukoll mill-amissjoni ta' l-imputat stess fix-xhieda tieghu. Jirrizulta wkoll b'mod inekwivoku li l-griehi sofferti mill-vittma huma ta' natura gravi.

Dak li trid tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk ir-reat li sehh jaqax fid-dimensjoni ta' dak li jipprovdi l-artikolu 216 jew l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Illi mill-assjem tal-provi prodotti l-prosekuzzjoni ma talbitx sabiex jinhatar espert mediku sabiex jirrelata dwar jekk il-griehi li soffriet il-vittma, illum il-gurnata humiex ta' natura permanenti u cioe ta' natura gravissima (skond l-artikolu 218). Illi a skanz ta' ripetizzjoni u b'referenza ghal-kazistika mesemmija aktar 'il fuq, din il-Qorti fuq il-provi mressaq mill-prosekuzzjoni m'ghandhiex il-bazi fattwali sabiex tikonkludi li griehi baqghu ta' natura permanenti skond l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tqis li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi ossija li l-imputat huwa hati ta' offiza fuq il-persuna ta' Lindsay Sammut a tenur tal-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali, u li l-istess griehi ghandhom ikunu kwalifikati bhala gravi skond l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali peress li ma jirrizultawx l-elementi necessarji skond l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi mil-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat gharaf li dak li kien gara kien hazin hafna.

Il-Qorti fliet ukoll il-fedina penali[35] xejn felici ta' l-imputat li fiha jirrizultaw reati relatati mad-droga u serq. Madankollu mill-istess fedina penali ma jirrizultax li qatt instab hati ta' reati relatati ma griehi gravi jew reati ohra li jinvolvu lil Lindsay Sammut.

Il-Qorti qiset ukoll *is-social inquiry report* mitlub mid-difiza ta' l-imputat. Illi dan ir-rapport gie mhejji minn ufficjal tal-probation Mary Rose Farrugia u jitfa dawl fuq it-trobbija u l-hajja ta' l-imputat. Jirrizulta wkoll li l-imputat kien jabbuza d-droga eroina u kokaina, u li waqt il-kumpilazzjoni tar-rapport, l-imputat qatt ma attenda appuntament sabiex isirlu ezami biex jigi stabbilit jekk hux qieghed jabbuza mad-droga.

Filwaqt li dan ir-rapport jitfa dawl fuq il-persuna ta' l-imputat u fih hemm registrat li l-imputat wera rimors ghal dak li gara ma jistax jinghad li minn dan ir-rapport jemergi ebda gustifikazzjoni ta' dan l-agir tieghu - bid-daqqiet sostanzjali li ta lill-vittma, kisrilha halqha f'diversi postijiet u ikkagunalha griehi gravi li kienu jitolbu diversi interventi kirugici u fil-mument ta' l-incident halliha wahdiha f'dik is-sitwazzjoni ta' vunerabilita', bzonn u ta' ghajnuna.

Illi l-imputat jigi missier it-tfal tal-vittma u ma jistax ma jigix osservat kemm dan l-agir huwa ta' hsara u ta' ezempju hazin fuq it-tfal tieghu dwar kif giet trattata ommhom minn missierhom, iktar u iktar fuq kwistjoni apparentement minima kif kienet dik spjegata fil-kors ta' dawn il-proceduri.

[35] Folio 3- 6 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Piena applikabbli taht l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali**

Illi l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh f'Marzu tas-sena 2017.

Illi fiz-zmien ta' l-incident il-piena punibbli ghal reat skont l-artikolu 216 kien ghal perjodu ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin.

Illi bl-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 il-ligi giet emendata fis-sens li l-piena ghal dan ir-reat giet mizjuda ghal piena ta' prigunerjia ghal perjodu minn sena sa seba' snin.

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinghata l-piena applikabli fil-perjodu meta sehh ir-reat u mhux kif emendata illum.

Il-Qorti osservat li s-segwenti dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li ma kienux imnizzla fir-rinviju finali ghall-gudizzju ghal konsiderazzjoni tal-piena.

L-artikolu 222(1)(a) li jghid:

*(1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdied u bi grad meta l-offiża ssir -*
*(a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);*

Illi l-artikolu 202(h)(iv) tal-Kodici Kriminali jghid:

*Il-piena stabbilita għad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, tiżdied bi grad sa żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':*

*(iv) xi persuna oħra li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-ħati;*

Illi madankollu l-Avukat Generali fir-rinviju finali ghal-gudizzju ma talabx li l-artikolu 222(1)(a) u 202(h)(iv) tal-Kodici Kriminali jigu meqjusa minn din il-Qorti fil-gudizzju ghall-piena.

Ghaldaqstant kif inhu ben risaput meta Qorti Istruttorja tigi konvertita' f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm rinviju da' parti ta' l-Avukat Generali, l-Qorti tal-Magistrati tkun marbuta strettament bl-artikoli citati mill-Avukat Generali biss. F'dawn ir-rigward vide is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Vella**[36], **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[37], **Il-Pulizija vs Joseph Aquilina**[38] u **Il-Pulizija vs Michael Carter**[39].

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 218, 412C, 383, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Lydon Gravina hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u tikkundannah

[36] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Jannar 1996
[37] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998
[38] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April, 2002
[39] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta Dicembru, 2001

prigunerija effettiva ta' disa (9) xhur minn liema ammont ghandu jigi mnaqqas dak skontat taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin skond l-anness digriet li ghandu jifforma parti integrali ta' din is-sentenza u dan sabiex (i) il-hati ikompli b'kull kura necessarja sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga li ghandhu, jekk ghadu l-kaz u (ii) jinghata assistenza ta' *anger management* sabiex jinidirizza u jikkontrolla r-rabja tieghu.

Il-Qorti tordna wkoll li l-hati ikompli jigi ssorveljat minn ufficjal tal-Probation u Parole ghal perjodu ta' tlett snin u li ghandu jikkoordina mad-Direttur tal-Habs sabiex waqt li l-hati ikun qieghed jiskonta din il-piena ikompli bit-trattament mehtieg b'mod immedjat.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Lydon Gravina taħt obbligazzjoni tieghu u personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elfejn ewro (€2,000) liema zmien ghandu jibda jidekorri wara li jkun lesta l-perjodu ta' inkarcerazzjoni.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hati a favur ta' Lindsay Sammut ghal perjodu ta' tlett snin bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittma u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hati milli javvicina, jikkuntattjaw, jekk hlief dwar it-tfal taghhom, jimmolestaw jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-vittma.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar l-1 ta' Dicembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**